**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum it-Tlieta, 28 ta' Gunju 2022**

Numru 1

**Rikors Nru. 250/2019**

**Amin Ruhul**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija bhala l-Ufficjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni**
**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tat-23 ta' Dicembru 2019 li jghid hekk:

1. Illi, l-attur huwa ta' nazzjonalita Bangladexx imwieled nhar it-16.05.1982, tar-religjon Izlamika tad-denominazzjoni Sunnita, jitkellem bil-Bengali u huwa ghandu s-sengha ta' agrikoltur. L-attur ghandu erbat (4) ahwa Alamin, Yarmin, Jasmin, u Kamrul. L-attur mhuwiex mizzewweg u ma ghandux tfal;

2. Illi, l-attur telaq minn pajjizu f'Marzu tal-2018 u qabel il-wasla tieghu f'Malta fit-22.08.2018 permezz tal-bahar, huwa ghadda mis-Sudan (Xhar) u l-Libja (Erba' (4) xhur);

3. Illi, mal-wasla tieghu f'Malta l-attur applika ghall-azil politiku peress li huwa ppersegwitat mill-gara tieghu u dan kif ser jigi muri waqt is-smigh ta' din il-kawza;

4. Illi r-rikorrent qieghed isostni li jekk jerga' jmur lura lejn pajjizu ser jispicca maqtul u ghaldaqstant hajtu tkun qieghda fil-periklu;

5. Illi dan kollu jirrizulta mill-evalwazzjoni tal-attur mill-Kummissjoni tar-Rifugjati, kopja ta' liema evalwazzjoni hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. ‘A’;

6. Illi minhabba f’hekk l-attur jimmeritalu protezzjoni senjatament ai termini tal-Art. 8 tal-Att dwar ir-Rifugjati (Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-Art. 32(2) tal-Konvenzjoni dwar ir-Rifugjati tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1951;

7. Illi r-rikorrent talab ghall-azil quddiem il-Kummissarju tar-Refugjati, liema talba ma gietx milqugha b'decizjoni tieghu minghajr ma tat ebda ragunijiet tal-07.12.2018, kopja ta' liema decizjoni hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'B', li sussegwentement giet appellat quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati liema Bord ghadda sabiex jikkonferma id-decizjoni tal-Kummissarju ghar-Refugjati, kopja ta' liema decizjoni qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. ‘C’;

8. Illi, l-attur ihoss li l-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati illiediet id-dritt fundamentali tal-appellant meta ghaddiet sabiex taghti id-decizjoni taghha meta ma tat ebda opportunita lill-appellant jipprezenta dawk il-provi necessarji in sostenn tat-tezi tieghu u dan kif ser jigi muri ampjament waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

9. Illi, l-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati ma agixxietx bhala tribunal indipendenti u imparzjali u dan bi ksur id-dritt fundamentali tal-appellant li jkollu smigh xieraq taht dawk il-garanziji forniti taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dan billi wasslet ghal konkluzjonijiet taghha fuq provi li ma gewx prodotti la mill-appellant u lanqas mill-Kummissarju dwar ir-Refugjati;

10. Illi, dan l-agir minn naha tal-Bord tal-Appelli dwar ir-rifugjati wasslitha ghal konkluzjoni erroneja dwar il-fatti tista' twassal li l-attur ikollu jirritorna lura f’pajjizu ikun ifisser li hajtu titqieghed f’periklu bla bzonn, b'hekk tirrendi id-decizjoni tal-Bord wahda unsafe and unsatisfactory.

Ghaldaqstant l-attur, in vista ta' dak kollu hawn suespost u ta' dak il-provi kollha producibbli fl-istadju opportun tas-smigh tal-kawza, kif ukoll ta' dawk il-provi ;ollha pprezentati fl-appell quddiem il-Bord tal-Appelli tar-Rifugjati li jgib in-numru RAB 7396/19 umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli tar-Rifugjati Numru RAB: 7396/19 hija bi ksur id-dritt fondamentali tar-rikorrent appellanti ghal smigh xieraq senjatament ai termini tal-Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Art. 6 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap. tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali; u

2. Konsegwentement ghall-Ewwel thassar u tannulla d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli fuq imsemmija; u

3. Konsegwentement ghat-Tieni Talba, tordna lill-Bord tal-Appelli tar-Rifugjati terga' tisma' l-appell tal-attur.

Rat ir-risposta tal-intimati li tghid hekk:

Illi l-eccezzjonijiet tal-esponenti hawn taht elenkati qeghdin jinghataw minghajr pregudizzju ghal xulxin:
Illi l-ilment tar-rikorrent huwa fis-sens illi "l-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati illediet id-dritt fundamentali tal-appellant meta ghaddiet sabiex taghti id-decizjoni taghha meta ma tat ebda opportunita lill-appellant jipprezenta dawk il-provi necessarji in sostenn tat-tezi tieghu u li l-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati ma agixxietx bhala tribunal indipendenti u imparzjali u dan bi ksur id-dritt fundamentali tal-appellant li jkollu smigh xieraq taht dawk il-garanziji forniti taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem...".

Illi l-esponenti jissottomettu li l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:-
1. Illi in linea preliminari, l-ghoti jew cahda ta' status ta' refugjat (ai termini tal-artikolu 8 tal-Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta) ma taqax fil-mansjonijiet u r-responsabbilitajiet tal-Kummissarju tal-Pulizija bhala Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni li konsegwentement mhuwiex il-legittimu kontraditturi ghat-talbiet tar-rikorrent u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju oltre l-fatt li a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Illi preliminarjament ukoll, l-esponenti jecepixxu n-nuqqas ta' applikabbilita tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-kaz odjern;

3. Illi in linea preliminari wkoll, l-esponenti jecepixxu li ghal dak li jirrigwarda l-jedd ta' smigh xieraq, il-Qrati taghna kif ukoll ta' Strasburgu dejjem irritenew illi sabiex japplikaw l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea rispettivament jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi processwali partikolari tal-kaz, b'mod illi biex jiddeterminaw jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigh xieraq, iridu jqisu l-process kollu kemm hu fl-assjem tieghu. Dan ifisser li l-Qorti ma tistax u ma ghandhiex tiffoka fuq bicca wahda mill-process shih gudizzjarju biex minnu jekk issib xi nuqqas tasal ghall-konkluzjoni li tabilfors sehh ksur tal-jedd ghas-smigh xieraq (ara Adrian Busietta vs Avukat Generali, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu 2006 u Dimech v. Malta deciza mill-Qorti Ewropea fit-2 ta' April 2015);

4. Illi fil-mertu, in kwantu r-rikorrent jallega li ma nghatax smigh xieraq mill-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati u li d-decizjoni tal-istess Bord hija wahda mhux korretta, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrent ma jistghax jinqeda bi proceduri kostituzzjonali u konvenzjonali ghas-semplici raguni, li skont huwa, awtorita gudizzjarja tkun zbaljata fis-sentenza taghha. Huwa maghruf kemm fid-duttrina kif ukoll fil-gurisprudenza li mhijiex il-funzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti li ssewwi 'zbalji' tal-Qrati ordinarji. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju illi l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija limitata biss biex tinvestiga u tiddetermina jekk kienx hemm jew le vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali izda certament li ma tistax tistharreg jekk il-Qrati ordinarji (jew tribunal u Bordijiet) iddecidewx b'mod tajjeb u korrett tilwima. Illi minn qari tar-rikors promotur jinzel bic-car li r-rikorrent qieghed jistieden lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tidhol fil-mertu fattwali tal-appelli decizi mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni. Fir-rikors promotur tieghu r-rikorrent mkien ma jfisser kif gie vjolat id-dritt ta' smigh xieraq izda dak li qieghed jaghmel huwa li jikkontesta l-mod li ddecida l-appelli in konfront tieghu il-Bord u dan minhabba l-kunsiderazzjonijiet li fuqhom ibbaza l-istess Bord. Fil-fehma tal-esponenti tali kontestazzjoni tohrog il barra mill-iskrutinju li jahsbu ghalih il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni;

5. Illi mhux kull interpretazzjoni hazina tal-fatti twassal ghal ksur tad-dritt fundamentali u mhux kull meta kawza tintilef minhabba interpretazzjoni jew apprezzament hazin tal-fatti jaghti dritt illi l-mertu tal-kaz ikun ezaminat mill-gdid minn ottika ta' drittijiet fundamentali. Illi l-qrati moghnija b'setgha kostituzzjonali u konvenzjonali ma ghandhomx jigu mibdula f'qrati tat-tielet jew raba' istanza izda dawn il-qrati huma moghtija s-setgha li, f'kaz ta' ilment dwar ksur tad-dritt fundamentali tal-persuna ghal smigh xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, tistharreg l-imgiba ta' kull awtorita gudikanti ohra, imqar jekk tkun wahda gerarkikament oghla minnha. Izda dina s-setgha wiesgha hija limitata fis-sens li l-Qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali ma ghandhomx iqisu jekk il-Qrati mixlija bi ksur ta' jedd ta' smigh xieraq ikkommettewx zball ta' ligi jew ta' fatt fid-decizjonijiet taghhom (ara Domenico Savio Spiteri vs Avukat Generali et, deciza fit-2 ta' Ottubru 2001). Hija setgha limitata biex tqis jekk il-procediment li minnu tressaq ilment ta' nuqqas ta' smigh xieraq kienx tassew wiehed imparzjali u 'skont il-ligi' (ara Fatiha Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et, deciza fit-28 ta' Dicembru 2001). Illi ghalhekk, proceduri maghmula abbazi ta' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali mhijiex mahsuba biex isservi ta' appell jew kassazzjoni minn sentenzi li jkunu ghaddew in gudikat. Proprju f'dan il-kaz, ir-rikorrent qieghed ilibbes l-ilment tieghu bhala vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom meta dan ma huwa xejn hlief appell gdid mill-apprezzament milhuq mill-Bord. Isegwi ghalhekk li ilment bhal dan ma jistax jigi mistharreg mill-lenti ta' vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali u ghalhekk ghandu jigi mwarrab;

6. Illi fi kwalunkwe kas l-allegazzjoni tar-rikorrent illi l-Kummissarju tar-Rifugjati naqas milli jiggustifika jew jaghti raguni ghar-rifjut ta' protezzjoni internazzjonali hija invertiera stante l-evaluation report (vide Dok. 'A' anness mar-rikors guramentat in risposta) u r-rakkomandazzjoni tal-istess Kummissarju tar-rifugjati tas-7 ta' Dicembru 2018 (vide Dok. 'B' anness mar-rikors guramentat in risposta) jispjega r-ragunijiet kollha fuq liema l-Kummissarju tar-rifugjati ibbaza d-decizjoni tieghu;

7. Illi minghajr pregudizzju ghal dak li nghad aktar kmieni f'din ir-risposta, l-esponenti jissottomettu li l-proceduri quddiem il-Bord ma huma mtappna mill-ebda vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq. Illi l-principju tal-equality of arms jimplika li kull parti ghandu jkollha l-opportunita ragjonevoli li tipprezenta l-kaz u l-provi taghha taht kundizzjonijiet li ma jqieghduhiex fi zvantagg fil-konfront tal-parti l-ohra. Il-principju tal-equality of arms huwa xorta wahda rispettat jekk il-partijiet jinghataw il-fakulta li jipprezentaw il-kaz taghhom anke jekk fil-forma skritta. F'dan il-kaz, ir-rikorrent nghata il-fakulta li jipprezenta l-kaz tieghu bil-miktub kif wkoll gie infurmat permezz ta' ittra tas-17 ta' Gunju 2019 (hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'RAB 1') li ser ssehh seduta fis-26 ta' Gunju 2019 sabiex jinstema bil-fomm kif fil-fatt gara. Tajjeb jinghad illi r-rikorrent ma deherx minn jeddu quddiem il-Bord u r-rapprezentant legali tieghu rrimetta ruhu ghall-atti tal-process (Vide Dok. 'C' anness mar-rikors guramentat in risposta). Illi di piu l-esponenti jaghmlu referenza ghall-minuta tas-26 ta' Gunju 2019 tac-chairman tal-Bord tal-appelli dwar ir-Rifugjati li tixhed bhala verbal dak li sehh f'tali seduta (hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'RAB 2');

8. Illi ghal finijiet procedurali hemm diversita kbira bejn il-kaz fejn ma tinghatax opportunita li jittresqu jew jinstemghu sottomissjonijiet u/jew provi tal-appellant minhabba cahda tad-debita opportunita bhal meta ingustament jigi rifjutat is-smigh ta'

provi legittimi jew meta proceduri jitkomplu u jigu appuntati ad insaputa tal-istess appellant, u bejn il-kaz (bhal dak odjern) fejn minhabba nuqqas tieghu stess, jibqa' ma jgibx 'il quddiem il-provi tieghu meta tkun giet moghtija lilu kull opportunita li jgibhom. F'dan l-ahhar kas (u l-kas odjern) "imputet sibi " (Vide s-sentenza fl-ismijiet Joseph Farrugia vs Mary Meilak, deciza fid-9 ta' Lulju 2008 mill-Onorabbli Qorti tal-appell);

9. Illi l-allegazzjoni tar-rikorrent fil-paragrafu 9 tar-rikors in risposta hija zbaljata stante illi kemm ir-rikorrent kif wkoll il-Kummissarju dwar ir-Refugjati ipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub. Ghalhekk l-allegazzjoni illi l-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati ddecieda minghajr ma kelhu quddiemu s-sottomissjonijiet tal-partijiet hija infondanta fil-fatt u fid-dritt. Illi tant din l-allegazzjoni mhijiex minna illi id-decizjoni ta-lBord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati (vide Dok. 'C' annessa mar-rikors guramentat in risposta) tindika specifikament illi r-rikorrent ipprezenta rikors ta' appell u l-appellat Kummissarju tar-rifugjati wiegeb b'nota ta' risposta fil-5 ta' Marzu 2019;

10. Illi mhux talli l-partijiet inghataw l-opportunita mill-Bord li jaghmlu sottomissjonijiet bil-miktub talli l-Bord appunta l-appell ghas-smigh fis26 ta' Gunju 2019 fil-11am fejn deher ir-rapprezentant legali biss tal-appellant li rrimetta ruhu ghall-atti tal-process. L-esponenti ghaldaqstant jecepixxu illi din l-lanzjanza tal-appellant hija fiergha ghall-ahhar (Vide is-sentenza fl-ismijiet John F.Bemard Nomine vs Monica Mizzi, deciza fit-28 ta' Ottubru 1999: "Daqskemm kull tribunal ghandu jirrispetta r-regoli fundamentali illi kull parti ghandu jkollha l-oppurtinita li tressaq il-prova taghha u taghmel dawk id-deduzzjonijiet li jidhrilha xierqa, daqstant iehor, pero, hu mistenni li partijiet f'kawza uzu minn tali opportunita personalment jew permezz tal-Avukat ta' fiducja taghhom;");

11. Illi jsegwi li l-lanjanzi u t-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda;

12. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

13. Bl-ispejjez.

Rat l-atti u n-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

L-attur huwa cittadin tal-Bangladesh u wasal hawn Malta fit-22 ta’ Awissu 2018. Mal-wasla tieghu f’Malta huwa applika ghall-azil politiku wara li allega li huwa kien sofra persekuzzjoni mill-gara tieghu fil-Bangladesh u kien qed jibza li hajtu kienet ser tkun qieghda fil-periklu jekk jigi ritornat. Fis-7 ta’ Dicembru 2018 il-Kummissjoni Refugjati irrakkomandat li t-talba ghall-azil tal-attur tigi michuda. Din ir-rakkomodazzjoni giet ikkonfermata mill-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati permezz ta’ decizjoni datata 24 ta’

Lulju 2019. F'din il-kawza l-attur qieghed jilmenta li huwa sofra ksur tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq sancit permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u dan billi, skont l-attur, il-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati ghaddiet sabiex taghti d-decizjoni taghha minghajr ma tat ebda opportunita lilu sabiex jipprezenta dawk il-provi necessarji in sostenn tat-tezi tieghu u billi l-Bord ma agixxiex bhala tribunal indipendenti u imparzjali billi wasal ghal konkluzjonijiet tieghu fuq provi li ma gewx prodotti la minnu u lanqas mill-Kummissarju dwar ir-Refugjati u li d-decizjoni tal-Bord hija "unsafe and unsatisfactory" minhabba dawn in-nuqqasijiet.

**L-eccezzjoni preliminari dwar jekk il-Kummissarju tal-Pulizija huwiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri**

Il-konvenuti eccepew li l-Kummissarju tal-Pulizija mhuwiex il-legittimu kontradittur f'din l-azzjoni u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex l-ghoti jew ic-cahda ta' status ta' refugjat ma taqax fil-mansjonijiet u responsabbilitajiet tieghu.

L-applikazzjoni ghar-rikonoxximent tal-istatus ta' refugjat ta' individwu isir skont il-procedura stabbilita fl-artikolu 8 tal-Kapitolu 420 tal-Ligijiet ta' Malta, li fiz-zmien relevanti kien jaqra hekk:

> "Persuna tista' tapplika lill-Kummissarju, fuq il-formola preskritta, u ghandha tinghata protezzjoni ta' rifugjat, meta jigi stabbilit li hija tkun qieghda tiffacca biza' msejsa sew fuq il-persekuzzjoni fil-pajjiz ta' l-origini taghha jew fejn tkun soltu toqghod skond il-Konvenzjoni."

Minn qari ta' artikolu 2 tal-Kapitolu 420 tal-Ligijiet ta' Malta flimkien mal-artikolu 4 tal-istess Kapitolu, kif kienu jaqraw fiz-zmien relevanti, huwa car li l-Kummissarju li ghalih jaghmel referenza l-artikolu 8 mhuwiex il-Kummissarju tal-Pulizija, izda huwa l-Kummissarju ghar-Refugjati, li huwa entita separata. Barra minn hekk, l-attur qieghed jilmenta dwar allegati nuqqasijiet tal-Bord tal-Appell dwar ir-Refugjati, u ma jirrizultax li l-Kummissarju tal-Pulizija ghandu r-rapprezentanza gudizzjarja ta' dan il-Bord jew li huwa involut fih.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni hija fondata u l-Kummissarju tal-Pulizija bhala l-Ufficjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni qieghed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

**L-eccezzjoni preliminari dwar in-nuqqas ta' applikabbilita tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**

Il-konvenuti eċċepew preliminarjament li l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma japplikawx fir-rigward tal-proceduri quddiem il-Kummissjoni Refugjati u l-Bord tal-Appelli dwar Refugjati.

L-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea japplikaw fir-rigward ta' kull procedura gudizzjarja jew kwazi-gudizzjarji li l-iskop taghha huwa li tiddetermina d-drittijiet jew obbligi civili tar-rikorrent jew li tkun titratta akkuza kriminali kontra tieghu. Dawn it-termini kollha ghandhom interpretazzjoni awtonoma, u jridu jigu interpretati fid-dawl tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni u mhux necessarjament tal-ligi ordinarja.

Il-Qorti tosserva illi hija gurisprudenza ormai kostanti tal-Qorti Ewropea li l-garanziji mahsuba fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jkoprux proceduri ta' azil, ghaliex proceduri dwar id-dhul, permanenza jew deportazzjoni ta' persuni barranin ma jittrattawx determinazzjoni tad-drittijiet jew obbligi civili taghhom, u lanqas ma jekwivalu ghal proceduri kriminali. F'dan ir-rigward il-Qorti ser taghmel referenza estensiva ghas-sentenza fl-ismijiet **Maaouia vs France** (QEDB, 05/10/2000) li kienet l-ewwel sentenza fejn il-Qorti Ewropea irriteniet li s-salvagwardji mahsuba fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni mhumiex applikabbli ghal proceduri li jitrattaw id-dhul, permanenza jew deportazzjoni ta' persuni barranin u spjegat ir-ragunament taghha b'mod dettaljat kif isegwi:

> "35. The Court has not previously examined the issue of the applicability of Article 6 § 1 to procedures for the expulsion of aliens. The Commission has been called upon to do so, however, and has consistently expressed the opinion that the decision whether or not to authorise an alien to stay in a country of which he is not a national does not entail any determination of his civil rights or obligations or of any criminal charge against him within the meaning of Article 6 § 1 of the Convention (see, for example, Uppal and Singh v. the United Kingdom, application no. 8244/78, Commission decision of 2 May 1979, Decisions and Reports (DR) 17, p. 149; Bozano v. France, application no. 9990/82, Commission decision of 15 May 1984, DR 39, p. 119; Urrutikoetxea v. France, application no. 31113/96, Commission decision of 5 December 1996, DR 87-B, p. 151; and Kareem v. Sweden, application no. 32025/96, Commission decision of 25 October 1996, DR 87-A, p. 173).

36. The Court points out that the provisions of the Convention must be construed in the light of the entire Convention system, including the Protocols. In that connection, the Court notes that Article 1 of Protocol No. 7, an instrument that was adopted on 22 November 1984 and which France has ratified, contains procedural guarantees applicable to the expulsion of aliens. In addition, the Court observes that the preamble to that instrument refers to the need to take "further steps to ensure the collective enforcement of certain rights and freedoms by means of the Convention ...". Taken together, those provisions show that the States were aware that Article 6 § 1 did not apply to procedures for the expulsion of aliens and wished to take special measures in that sphere. That construction is supported by the explanatory report on Protocol No. 7 in the section dealing with Article 1, the relevant passages of which read as follows:
"6. In line with the general remark made in the introduction ..., it is stressed that an alien lawfully in the territory of a member state of the Council of Europe already benefits from certain guarantees when a measure of expulsion is taken against him, notably those which are afforded by Articles 3 (prohibition of inhuman or degrading treatment) and 8 (right to respect for private and family life), in connection with Article 13 (right to an effective remedy before a national authority) of the ... Convention ..., as interpreted by the European Commission and Court of Human Rights ...
7. Account being taken of the rights which are thus recognised in favour of aliens, the present article has been added to the ... Convention ... in order to afford minimum guarantees to such persons in the event of expulsion from the territory of a Contracting Party. The addition of this article enables protection to be granted in those cases which are not covered by other international instruments and allows such protection to be brought within the purview of the system of control provided for in the ... Convention ...
...
16. The European Commission of Human Rights has held in the case of Application No. 7729/76 that a decision to deport a person does 'not involve a determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him' within the meaning of Article 6 of the Convention. The present article does not affect this interpretation of Article 6."
37. The Court therefore considers that by adopting Article 1 of Protocol No. 7 containing guarantees specifically concerning proceedings for the expulsion of aliens the States clearly intimated their intention not to include such proceedings within the scope of Article 6 § 1 of the Convention.
[…]
40. The Court concludes that decisions regarding the entry, stay and deportation of aliens do not concern the determination of an applicant's civil rights or obligations or of a criminal charge against him, within the meaning of Article 6 § 1 of the Convention.

41. Consequently, Article 6 § 1 is not applicable in the instant case."1

[1] Ara wkoll: **Penafiel Salgado vs Spain** (QEDB, 16/04/2002); **Sardinas Albo vs Italy** (QEDB, 08/01/2004) **Mamatkulov and Askarov vs Turkey** (QEDB, 04/02/2005).

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan ir-ragunament u taghmlu taghha u ghalhekk tqis li din l-eccezzjoni tal-konvenuti hija fondata u qed tigi milqugha.

Il-Qorti tkompli billi tosserva li filfatt skont il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea huwa l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni li huwa applikabbli f'dawn il-kazijiet u mhux l-artikolu 6. Illi pero l-attur ma ressaq l-ebda ilment taht l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea. Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti tinnota li ghalkemm l-attur bena l-ilment tieghu fuq allegazzjoni li l-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati ma taghtux cans iressaq il-provi tieghu, u li l-Bord wasal ghad-decizjoni tieghu a bazi ta' provi li la gew prodotti minnu u lanqas mill-Kummissjoni Refugjati, dan l-ilment huwa manifestament fieragh u vessatorju ghaliex:

i. L-attur kellu l-opportunita li jressaq provi quddiem il-Kummissjoni Refugjati. Fl-*Evaluation Report* ikkompilat mill-Kummissjoni Refugjati gie rrilevat hekk: "*The Applicant did not provide any documents, which substantiate the above-mentioned claim"* (*fol. 17).* Fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Refugjati dwar l-elegibilita tal-attur ghall-azil (a *fol.* 39) hemm ukoll indikat li "*The applicant has been given all necessary facilities and opportunity to present his case full, support it with available testimonies and/or documentation, and to give adequate explanations for all the reasons he submitted in his application2020."* L-attur filfat fl-ebda hin ma allega li huwa ma kellux l-opportunita li jressaq provi quddiem il-Kummissjoni Refugjati, u ghalhekk din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni valida sabiex tiddubita dak miktub f'din ir-Rakkomodazzjoni. Filfatt, l-interpretu li assista lill-attur fil-proceduri quddiem il-Kummissjoni Refugjati ikkonferma li kien interpreta ghall-attur id-dokument li gie moghti lilu li jelenka d-drittijiet tal-attur.

ii. Fil-proceduri quddiem il-Bord tal-Appell dwar ir-Refugjati l-attur ma dehrx u deher biss l-avukat tieghu. L-Avukat tieghu irrimetta ruhu ghall-atti tal-process (ara kopja tad-decizjoni *fol.* 40). Ghalhekk huwa car li din mhijiex kwistjoni fejn il-Bord tal-Appell cahhad lill-attur mill-possibilita li jipproduci provi biex isahhu l-applikazzjoni tieghu izda hija kwistjoni fejn kien l-attur stess li traskura l-affarijiet tieghu u dan billi la ressaq provi quddiem il-Kummissjoni Refugjati u lanqas deher ghall-udjenza quddiem il-Bord tal-Appell u kien l-avukat tieghu stess li rrimetta ruhu ghall-atti li kien hemm fil-process. Inoltre l-attur ma prezenta l-ebda provi flimkien mal-applikazzjoni

ghall-appell tieghu (*fol.* 82). Ghalhekk jidher li l-attur kellu ben tlett opportunitajiet sabiex jipprezenta l-provi tieghu jekk huwa kellu provi, u ma jirrizultax li kien minhabba xi nuqqas attribwibbli lill-konvenuti li dan m'ghamlux.

iii. L-allegazzjoni tal-attur li l-Bord tal-Appell ibbaza ruhu fuq provi li ma gew prodotti minn hadd mill-partijiet hija assolutament fiergha u vessatorja ghaliex minn qari tad-decizjoni jirrizulta li l-Bord ibbaza d-decizjoni tieghu fuq it-twegibiet moghtija mill-attur stess fl-intervista li kienet saritlu.

iv. Jekk dawn l-allegati provi gew f'idejn l-attur wara l-konkluzjoni tal-proceduri in kwistjoni huwa ghandu dritt li jissottometti applikazzjoni ulterjuri, u dan ai termini tal-artikolu 7A tal-Kapitolu 420 tal-Ligijiet ta' Malta.

v. Fl-affidavit (*fol.* 208 - 209) u l-kontro-ezami tieghu (*fol.* 222 *et seqq*) l-attur ma qalx li huwa filfatt kellu xi provi x'jipproduci u li ma nghatax l-opportunita li jipproducihom, u wisq anqas x'kienu dawn il-provi.

vi. Peress li l-ilment tal-attur jirrigwarda decizjoni moghtija minn enti quasi-gudizzjarja amministrattiva u allegazzjoni ta' ksur tal-principji tal-gustizzja naturali, l-attur kellu rimedju ordinarju disponibbli ghalih quddiem il-qrati ordinarji taht l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li huwa naqas milli juza.

Il-Qorti tinnota li fl-affidavit tieghu l-attur allega li huwa ma inghatax l-opportunita li jkun assistit minn avukat waqt l-intervista li kienet saritlu, fatt li dwaru ma jilmentax fir-rikors promotur tieghu. L-attur ghamel ukoll argumenti legali dwar l-imparzjalita tal-Kummissjoni Refugjati fl-affidavit, li wkoll ma jifformawx parti mir-rikors kostituzzjonali tieghu. Filfatt l-ilment tal-attur fir-rikors promotur jitratta biss il-proceduri quddiem il-Bord tal-Appell u mhux quddiem il-Kummissjoni Refugjati. L-attur fl-ebda hin ma talab sabiex jigi awtorizzat jaghmel xi zidiet fir-rikors promotur tieghu u konsegwentement il-konvenuti qatt ma kellhom l-opportunita li jwiegbu ghal dawn l-allegazzjonijiet. Ghaldaqstant il-Qorti tqis li dawn l-allegazzjonijiet fi kwalunkwe kaz qatt ma setghu jifformaw parti mid-determinazzjoni taghha galadarba ma sarux b'mod ritwali.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuti u tillibera lill-Kummissarju tal-Pulizija bhala l-Ufficjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa’ t-tieni eccezzjoni preliminari tal-konvenuti u konsegwentement tichad it-talbiet attrici, u tiddikjara li l-azzjoni attrici hija sempliciment fiergha u vessatorja.

Spejjez jithallsu kollha mill-attur.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur